# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 17 ta' Settembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Kyle Mifsud**
**Donna Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 728/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-

Kyle Mifsud detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 418892(M); u

Donna Camilleri detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 457586(M).

Akkuzati talli:-

1. Nhar is-26 ta' Mejju 2015, ghal habta ta' bejn it-03:30pm u l-04:30pm, gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala, ikkommettew serq ta' basket (pawc) li kien jikkontjeni diversi oggetti, ghad-detriment ta'

Nigel Mercieca, Francesca Bianco u/jew persuna/i ohra, li l-valur taghhom ma jeccedix il-mitejn, tnejn u tletin Ewro u l-erbgha u disghin euro centezmi (232.94 Euro) liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta' l-artikoli, 261 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli nhar fis-26 ta' Mejju 2015, gewwa dawn il-gzejjer, wettqu frodi b'eghmil qarrieqi, billi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, biex jaghmlu qliegh ghalihom jew ghal persuni ohra, ta' sitt mija u disgha u hamsin Ewro ghad-dannu ta' Francesca Bianco u/jew u/jew persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309, 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli nhar l-01 ta' Settembru 2015, ghal habta ta' l-09:45am gewwa l-bajja tar-Rinella, Kalkara, ikkommettew serq semplici ta' basket b'diversi oggetti, ghad-detriment ta' Marion Cuschieri u/jew persuna/i ohra, u dan bi skur ta' l-artikoli, 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Kyle Mifsud wahdu:

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Donna Camilleri wahedha:

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, saret recediva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, naqset milli thares kundizzjonijiet li gew imposti fuqha mill-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fid-digriet taghha datat 23 ta' Ottubru 2012, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-

rearrest ta' l-imsemmija Donna Camilleri. Kif ukoll tordna li s-somma ta' 3,000 Ewro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront ta' Nigel Mercieca, Francesca Bianco u Marion Cuschieri, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekjkk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn huma ghalhekk sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(g), 271, 284, 285, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Kyle Mifsud** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(g), 271, 284, 285, 289, 308, 309, 310(1)(b) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Donna Camilleri** hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sena (1) prigunerija. In oltre qed tirrevoka l-helsien mill-arrest lilha mghoti permezz ta' degriet datat 23 ta' Ottubru 2012 u tordna r-riarrest taghha u qed tordna ukoll il-konfiska tal-garanzija personali f'l-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000) liema ammont ghandu jithallas f'pagamenti mensieli ta' hamsa u tmenin Euro (€85) b'l-ewwel pagament dovut fil-15 ta' Ottubru 2015.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Kyle Mifsud fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' dinis-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**